MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Avviz Numru. 1058/1998/1

**Raffaele Portelli & Sons Limited**

**Vs**

**Rocco Caruana u b'digriet tad-9 ta'Jannar 2002 is-socjeta Happy Saver Chain Stores Limited giet kjamata fil-kawza a tenur tal-Artikoli 961 u 962 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' hames mija wiehed u tletin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm531.71) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' oggetti lill-konvenut mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' April 1998, u bl-imghaxijiet legali relattivi kalkolabbli b'effett mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa qatt ma kellu relazzjoni giuridika mas-socjeta' attrici fil-kwalita' personali tieghu;
2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni ghandha tigi kjamata fil-kawza s-socjeta' Happy Saver Chain Stores Limited li in effetti ghamlet in-negozju;
3. Illi bla pregudizzju ukoll ghall-precitati eccezzjonijiet l-oggetti in kwistjoni u cioe' batterija kienu gew mibjugha taht ftehim ta' "consignment" in forza ta' liema s-socjeta' attrici kienet obbligata tiehu lura dawk l-oggetti li ma jinbieghux.
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat dak verbalizzat a fol 12 tal-atti waqt is-seduta tas-26 ta' Marzu 2001.

Rat id-digriet, gja msemmi fl-okkju ta' din il-kawza, moghti fid-9 ta' Jannar 2004 u li jinsab a fol 14 , fol 15 u fol 15 A tal-istess atti.

Rat dak verbalizzat a fol 52 u fol 56 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, mill-atti, jidher li l-unici provi prodotti huma x-xhieda ta' <u>Mario Giacchino</u> permezz ta' "affidavit" li, mieghu, hemm annessi <u>disa' dokumenti</u> markati mnn <u>Dokument MG1 sa Dok MG2</u> (ara fol 20 sa fol 36 ibid). L-istess xhud, bhala direttur tas-socjeta attrici, spjega l-ewwel nett illi din il-kawza tirreferi ghal bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata <u>lill-konvenut personalment</u>. Hu kompla jispjega b'referenza ghall-fatturi esebiti u markati <u>Dok MG1, MG2, MG3, MG4, MG5 u Dok MG6</u> illi dan il-

bilanc ta' prezz kien jammonta ghal Lm519.23 u kif risultanti mid-dokument markat "Dok MG7" (fol 33 u fol 34 ibid) dan il-bilanc kien gie accettat bhala dovut mill-konvenut, li pero', indika, ukoll, li kellu jitnaqqas l-ammont ta' Lm296.27 in rigward "…Returns (to be collected)". Ghalhekk il-konvenut kien hallas, permezz ta' 'cheque' is-somma ta' Lm222.96. Mill-istess xhieda, jidher li l-konenut kien qed jallega, b'referenza ghall-fattura numru 3199 a fol 26 tal-atti illi l-oggetti hemm specifikati u konsistenti f'batteriji kienu nbieghu lilu u gew mixtrija minn "on a consignment basis" fis-sens illi l-istess konvenut seta' jirritorna l-oggetti li ma jkunux inbieghu minnu. Filfatt jidher li dan ma kienx gie accettat mis-socjeta' attrici in vista li l-imsemmi 'cheque' kien gie ritornat mill-istess socjeta flimkien mal-ittra esebita in fotokopja a fol 36 ibid u markata "Dok MG8". L-istess xhud specifika illi ma kien hemm ebda ftehim bejn is-socjeta attrici u il-konvenut f'dan is-sens. Inoltre x-xhud eskluda li seta' kien gie koncess lill-konvenut xi skont ammontanti ghal erbghin fil-mija (40%) kif kien qed jallega l-istess konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-istess provi, il-Qorti trid tara u tiddeciedi l-ewwel nett, minn hu d-debitur, f'dan il-kaz, kemm fuq basi ta' fatt kemm fuq dik ta' ligi. Mid-dokumenti imsemmija, jidher illi s-socjeta attrici kienet baghtet l-istess fatturi u prospett, in atti minn fol 23 sa fol 35, lil "Happy Saver Chain Stores" u mhux lill-konvenut personalment, u ghalhekk ghandu jigi ritenut illi s-socjeta kjamata in kawza hi, filfatt, id-debitrici ta' kull bilanc dovut.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, tenut kont, ukoll, illi Mario Giocchino ma kienx involut fid-diskuzzjonijiet li kienu saru bejn il-predecessur tieghu, Mark Portelli, li ma giex prodott bhala xhud, u Rocco Caruana, l-ammont mitlub fl-avviz ghandu jigi ritenut, a basi tal-evidenza prodott, li hu, kollu kemm hu, debitu tas-socjeta kjamata in kawza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-konvenut, personalment, mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta kjamata in kawza u tikkundanna lill-istess socjeta kjamata in kawza sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm531.71,0 bl-imghax legali mit-22 ta‘ Awissu 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta’ April 1998.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------